MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru 327/2010

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef)

vs

Johann Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 461487M, akkuzat talli:

1. f’Bormla nhar l-1 ta’ Settembru 2009 ghal habta tas-6:00 p.m., ikkommetta serq ta’ vettura tal-ghamla Toyota Platz li ghandha n-numru tar-registrazzjoni DRN-024, liema serq huwa kkwalfikat bil-valur, liema valur huwa ta’ aktar minn Lm1000, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Darren Micallef.

2. fl-istess data u fil-granet ta' wara, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta' serq u ricettazzjoni, reati ghad-eskluzjoni ta' xulxin. Mill-istqarrija esebita tal-imputat jirrizulta li r-reat kommess hu dak ta' serq b'daqstant li ma jistax l-imputat jinstab ukoll hati tar-ricettazzjoni.

Fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu ssibu hati tal-akkuza tas-serq.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f)(g), 264, 270, 271(g), 267, 279(b), 278(2)(3), 280(2) u 31 tal-Kap 9.

Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija li qeghdha tissospendihom ghal sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond din is-sentenza ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------